MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 1097/2006

**Oreste Cilia**

**vs**

**Cilia Products Limited (C-4378)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Oreste Cilia (KI Numru 537541M) datata 7 ta’ Frar 2007 fejn ikkonferma: -

Illi l-esponenti huwa azzjonista fis-socjeta` intimata Cilia Products Limited ghal elf (1000) sehem ordinarju ta' lira-il wiehed (Lm1) (minn total ta' tliet elef (3000) sehem ordinarju), (Dokument A), liema socjeta` giet kostitwita fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 1979;

Illi r-rikorrenti huwa kreditur tas-socjeta` intimata fis-somma ta' tlieta u erbghin elf u sbatax-il liri Maltin

(Lm43,017), liema somma tirrapprezenta “shareholder's loans” lill-kumpanija intimata fuq perjodu ta' zmien sa Frar 2004;

Illi din is-somma mhijiex ikkontestata mis-socjeta` intimata in kwantu tirrizulta mill-i*statements* finanzjari tal-istess socjeta` intimata kif approvati mid-diretturi u azzjonisti (Dok B);

Illi rendikont shih tal-ammont dovut lir-rikorrent bejn is-sena 1998 u s-sena 2004 gie rilaxxat mill-awditur tas-socjeta` intimata (Dok C);

Illi *nonostante* li s-socjeta` intimata giet interpellata thallas dan l-ammont minnha dovut lir-rikorrenti b'permezz ta' att gudizzjarju, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti (Dok D);

Illi s-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti;

Tghid ghalhekk is-socjeta` ntimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont il-procedura preskritta fl-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12;

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u erbghin elf u sbatax-il liri Maltin (Lm43,017) rapprezentanti 'shareholder's loan' lill-kumpanija intimata sa Frar 2004.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 3774/06 kontra s-socjeta` intimata li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2007.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` Cilia Products Limited datata 3 ta’ Mejju 2007 (fol 53) fejn Maurice Cilia bhala Direttur ghan-nom u rrapprezentanza taghha ikkonferma: -

1. Illi l-azzjoni hija rritwali peress li r-rikorrent qieghed jipproponi din l-azzjoni f’ismu personali bhala azzjonista kontra s-socjeta` intimata li taghha jallega li ghadu Direttur b'mod li tali konflitt ta' interess jeskludieh milli jagixxi bil-prezent azzjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess r-rikorrent ghandu jesebixxi "break down" tal-ammont reklamat li ma jirrizultax li jaqbel mad-dokument minnu esibit.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet l-azzjoni hija intempestiva peress li l-ammont reklamat ma huwiex esegwibili kif jidher mill-*Financial Statement* esebit mill-istess rikorrent (*vide note* 10).

4. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

5. Illi jiena Direttur tal-kumpanija awtorizzat nagixxi f'isimha, u naf bil-fatti kif esposti.

Salv risposti ulterjuri

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Joseph Bonnici b’referenza ghad-digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Mejju 2007 informa lill-Qorti li ma ghandux provi dwar l-imsemmija zewg eccezzjonijiet. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjoni ghat-28 ta’ Gunju 2007; u l-verbali l-ohra kollha inkluz dak tas-17 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Frar 2013 u tas-16 ta’ April 2013 fejn id-difensuri trattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Lulju 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija sentenza *in parte* dwar l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta.

Permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' €100,202.65, gja Lm43,017 rapprezentanti kreditu tieghu, *ossia* "*shareholders' loans*" kontra s-socjeta' intimata, li taghha huwa Direttur u azzjonist, ghall-perjodu bejn is-snin 1998 - 2004. Is-socjeta' intimata opponiet ghat-talba *stante* li hija mproponibbli peress li l-attur bhala azzjonist, ma jistax jagixxi kontra s-socjeta' li taghha qed jallega li hu Direttur. *Inoltre* eccepiet l-intempestivita' tat-talba in kwantu li l-ammont reklamat mhuwiex esegwibbli.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta' Cilia Products Limited hija kumpanija tal-familja, imwaqqfa fit-23 ta' Frar 1979 bejn l-attur u familjari ohra, Daniel Cilia u Maurice Cilia, li lkoll huma azzjonisti fi kwoti indaqs ta' elf (1,000) sehem Ordinarju kull wiehed tal-valur nominali ta' €2.33 (Lm1) kull sehem.[1] Sa Awwissu 2004, l-attur kien ukoll Direttur izda fil-Laqgha Generali Annwali tal-11 ta' Awwissu 2004, ma ottjeniex il-kwota necessarja biex ikun ri-elett fil-kariga.[2]

Minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta mid-*Director's Report and Financial Statements* ghas-sena finanzjarja li tispicca fi Frar 2004, li l-ammont indikat bhala *shareholders' loans* huwa ammont komplessiv akkreditat lill-azzjonisti kollha ta' Lm120,918. Dawn il-*loans* huma

[1] Vide *Memorandum and Articles of Association,* **Dok. A.** anness mac-citazzjoni.
[2] Esebit *a fol.*43 tal-process.

"*unsecured, interest free and have no fixed date for repayment.*"[3]

Skont rendikont rilaxxjat mill-awditur tal-kumpanija s-sehem minn dan l-ammont ta' Lm43,017 indikat taht l-isem tal-attur, jirrapprezenta kumulu li gie akkreditat favur l-attur tul is-snin bejn 1998 sa 2004 bhala "*Director's fees adjustment, dividends paid back* "u partiti ohra.

**Oreste Cilia,** l-attur xehed li hu azzjonist u li ghadu direttur tas-socjeta' konvenuta. Jghid li s-*'shareholders' loans'* jirrizultaw minn *dividends* mhux imqassmin u kienu pagabbli meta min kien intitolat ghalihom jitlobhom.

**L-Ewwel Eccezzjoni - Li l-azzjoni hija improponibbli peress li l-attur bhala azzjonist u Direttur ma jistax jagixxi kontra l-kumpanija personalment.**

Is-socjeta' konvenuta tghid li l-attur ma jistax iressaq din l-azzjoni f'ismu personali kontra l-kumpanija konvenuta meta huwa azzjonist u direttur tal-istess kumpanija. Dan johloq konflitt ta' interess.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Il-ligi taghna tirrikonoxxi lill-azzjonisti u anke lid-Diretturi ta' kumpanija, dritt ta' azzjoni personali kontra l-kumpanija stess meta l-azzjoni tirrigwarda xi hsara rekat lilhom personalment. Per ezempju, fil-kaz ***"Ignazio Anastasi et. v Joseph Rossignaud et."* -** deciza fid-9 ta' Mejju 1958 (App.Civ. per Sir. Anthony Mamo) kien gja rikonoxxut li azzjonist u direttur kellu d-dritt ta' azzjoni kontra l-kumpanija biex jirreklama remunerazzjoni ghal xoghol u servizzi prestati lill-kumpanija ‘l hinn mill-obbligazzjonijiet mistennija minn Direttur.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta anke mill-*financial statements* tal-kumpanija, li s-socjeta' hija addebitata b'*shareholders' loans* u dawn huma imnizzlin taht il-kap "*Creditors: amounts falling due after one year*"[4]. Huwa evidenti li l-

[3] **Dok B** anness mac-citazzjoni *a fol* 39 tal-process, n. 10.
[4] Fol. 33 tal-process.

azzjonist biss jista' jagixxi kontra s-socjeta' biex jitlob il-hlas tal-ammont talvolta dovut lilu. Bl-eccezzjoni ssollevata, is-socjeta' attrici effettivament tkun qed teskludih milli qatt ikun f'pozizzjoni li jiddeduci din it-talba gudizzjarjament ghaliex wiehed ma jistenniex li d-diretturi l-ohra ser jagixxu ghan-nom tal-attur.

Ir-rikonoxximent tad-dritt personali ghall-azzjoni kontra kumpanija giet sancita mill-Qrati taghna fis-sentenza ***"Michael J. Falla v John H. Sorotos"-*** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1976. F'dan il-kaz, il-Qorti irriteniet li l-azzjonist jista' jfittex il-kumpanija meta l-kaz "*appears to entail a direct personal prejudice to the plaintiff distinct from the company itself."*

Kif jghid il-Professur Andrew Muscat "*the rule (*ta' *Foss v Harbottle) does not apply where the wrong has been done to a member personally*."[5]

Ara wkoll is-sentenzi fil-kawzi "***Dr. Kevin Dingli noe v Dr. Joseph Bonnici noe et." -*** deciz fis-17 ta' Frar 2003 (App.Civ.) u ***"Martin Bonello Cole v Kenneth Cole*" -** deciz fil-5 ta' Ottubru 2001 (App.Civ.).

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Intempestivita' tal-Azzjoni.**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet l-intempestivita' tal-azzjoni peress li l-ammont reklamat ma huwiex ezegwibili kif jidher mill-*Financial Statement* esebit mill-istess rikorrent fejn hu imnizzel bhala *shareholders' loans* kwalifikat bhala "*unsecured, interest free and have no fixed date for repayment*."

L-attur, da parti tieghu, jistrieh fuq dak provvdut **fl-artikolu 1078 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxi r-regola applikabbli ghall-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta "*z-zmien jithalla fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni*

---

[5] "*Principles of Maltese Company Law" Chapter. 14, p. 901.*Vide wkoll p.894

*meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha*." F'dan il-kaz, huwa applikabbli t-terminu ta' sentejn (**art 1078(a).**

Il-punt in konsiderazzjoni huwa wiehed purament legali, u l-Qorti mhiex ser tidhol la fil-*quantum* tas-somma, u wisq inqas f'aspetti ohra li jmissu l-mertu tal-kaz.

Fis-sottomissjonijiet akkurati li saru *viva voce* quddiem din il-Qorti, is-socjeta' konvenuta sostniet li s-*shareholders' loans* ma jirraprezentawx finanzjament tangibbli li seta' sar lill-kumpanija, imma huma mnizzlin fl-*istatements finanzjarji* bhala *accounting exercise.*

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Minn ezami tar-rendikont sottomess mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta li l-ammonti jirrapprezentaw fil-maggoranza tal-*entries, deferred dividend payments*. *Inoltre* s-somma dovuta lill-azzjonist Victor Cilia, li mbaghad hareg mill-kumpanija, effettivament giet imhallsa lilu. Ghalhekk ma tistax takkolji s-suggeriment li dawn l-ammonti mhumiex tangibbli. Kif jghid **Gower**[6] "*Loan capital is fundamentally different from share capital; it is a legally enforceable debt and not a mere book-keeping entry. It too will appear on the liabilities side of a balance sheet.*"

Ir-**Regolament 71** tal-*Memorandum & Articles of Association* tal-kumpanija jghid hekk: "*The Company in general meeting may declare dividends but no dividends shall exceed the amount recommended by the Directors.*" Id-diretturi ghandhom ukoll il-poter li jiddikjaraw *interim dividends.* Dan ir-regolament jirrispekkja r-regola generali ta' distribuzzjoni ta' *dividends* mill-profitti.

Kif jispjega l-**Professur Muscat**,[7] "*Once a final dividend has been declared, it becomes a debt due and payable to the members and cannot be revoked or reduced by any subsequent decision of the company.*"

---

[6] L.C.B. Gower "*The Principles of Modern Company Law*" 3rd ed. p 122
[7] *Op.Cit.* p 757

Fil-kaz odjern, l-ammont reklamat jirrapprezenta kumulu ta' krediti ghall-perjodu bejn 1998 sa 2004. Huwa minnu li l-ammonti *"have no fixed date for repayment,"* izda b'dan ma jfissirx li hija l-prerogattiva tal-kumpanija li tiddetermina z-zmien meta dawn ghandhom jithallsu. Galadarba l-krediti huma tangibbli, isegwi li l-azzjonist huwa wkoll kreditur tal-kumpanija u ffinanzja l-istess kumpanija, jew direttament, billi vversa flejjes jew *cash,* jew indirettament billi accetta li ma jircevix il-pagament tad-*dividends* dikjarati u accetta kondizzjoni ta' *deferred payment.* Per konsegwenza, is-socjeta' hija debitrici tal-azzjonisti in kwistjoni. Il-Qorti tifhem li dan l-arrangament sar bi ftehim bejn l-azzjonisti kollha.

Jekk il-*loan* jitqies li hu dovut (*due)* u jirrizulta li *dividends* li gew dikjarati u approvati huma kkonsidrati bhala dejn li hu dovut, allura l-kwistjoni tirrizolvi ruhha dwar <u>meta</u> dan id-dejn hu ezegwibbli.

Dan il-ftehim huwa assoggettat ghar-regoli generali tal-ligi, inkluz l-artikolu **1078 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-ligi stess tipreffiggi mod u modalita' tal-ezekuzzjoni ta' dejn
fejn iz-zmien ghall-hlas ma jirrizultax mill-ftehim.

L-argument li l-ezegwibbilita' tal-kreditu tista' tqieghed lill-kumpanija f'qaghda finanzjarja difficli ghandu certu validita' izda l-Qorti tinnota li l-ligi timponi obbligu fuq il-kumpanija u d-Diretturi taghha li ma jiddikjarawx *dividends* jekk il-profitti huma insufficjenti. Galadarba d-Diretturi waslu biex ghamlu din id-dikjarazzjoni, wiehed ghandu jifhem li l-profitti kienu sufficjenti bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-ammonti msemmija, altrimenti tali dikjarazzjoni tkun illegali.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-tielet eccezzjoni konvenuta hija wkoll michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad** l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u **tordna** l-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------